

Brussell, 21 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9360/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0089 (NLE)

TRANS 311

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8294/26
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-18-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi, ir-reviżjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija" u għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri", l-adozzjoni ta' format uniformi taċ-ċertifikati u l-emenda tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija" - Adozzjoni

1. Il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għandu kompetenza fi kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, armonizzazzjoni teknika u proċeduri ta' approvazzjoni. Jista' jadotta jew jemenda Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTPs) li huma bbażati fuq l-Appendiċijiet F u G tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF). Il-UTPs fil-qafas tal-COTIF għandhom l-istess fini bħall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UE għall-interoperabbiltà abbażi tal-Kapitolu II tad-Direttiva (UE) 2016/797.

2. It-18-il sessjoni tas-CTE ser issir Bern fid-9 ta' Ġunju 2026. Fost suġġetti oħra li għandhom jiġu diskussi, is-CTE ser jintalab jadotta deċiżjonijiet biex jirrevedi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-UTP WAG ("Vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija") u l-UTP LOC&PAS ("Vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri"), biex jadotta Anness C tal-ATMF UR (Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali) dwar format uniformi taċ-ċertifikati u biex jemenda l-Appendiċi I tal-UTP TAF ("Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija").
3. Fis-16 t'April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fit-18-il sessjoni tas-CTE fir-rigward tal-punti li jinvolvu effett legali.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina l-proposta fil-5 ta' Mejju 2026. Fuq talba mid-delegazzjonijiet, pożizzjoni dwar l-emendi għall-manwal għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-APTU u l-ATMF, oriġinarjament inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni, tneħħiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, bl-intenzjoni li tiġi inkluża fost il-pożizzjonijiet dwar punti mingħajr effetti legali għall-Unjoni.
5. Id-delegazzjonijiet ma qajmu l-ebda kumment ieħor dwar il-pożizzjoni proposta u għalhekk id-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma tqiesu magħluqa.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 8956/26, rivedut mill-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
7. Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat biha.